



Brussell, 12 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5094/24

LIMITE

JUSTCIV 2
AL 1
JAIEX 3
JAI 10

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0027(CNS)**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili relatati mal-liġi tal-familja - Adozzjoni

1. Fit-8 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹ lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 81(3) TFUE.
2. Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat fis-17 ta' Frar 2023 u adotta opinjoni pożittiva fit-12 ta' Diċembru 2023.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) eżamina l-proposta tal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet ġew mistiedna jikkummentaw dwarha. Fid-dawl ta' dawk il-kummenti, il-proposta ġiet abbozzata mill-ġdid u maqbula fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) fl-20 ta' Ġunju 2023². It-test kif ġie rivedut iktar tard mill-ġuristi lingwisti jinsab fid-dokument 15124/23. Id-delegazzjonijiet huma fpożizzjoni li jaqblu dwar il-proposta.

¹ 6253/23.
² 15251/23.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden

- (a) jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 15124/23, u
- (b) jirrakkomanda li l-Kunsill³⁴ jadotta d-Deċiżjoni li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili relatati mal-liġi tal-familja, kif tinsab fid-dokument 15124/23.

³ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.